IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru59 (disgħa u ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2018, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

59.1. Item Nru 59.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

59.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.35pm u kien kulħadd preżenti.

59.2 Item Nru 59.2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

59.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u saru dawn il-bidliet:

Minuta 57.4.2 Flok "Is-Sinjura Buttiġieġ" jitniżżel "Is-Sinjura Borg" u fl-aħħar tal-minuta tiżdied ukoll "Is-Sinjura Buttiġieġ qalet li hija ilha issemmi dan il-Bus Shelter mis-sena 2009"

Minuta 57.4.3 Fl-aħħar tal-Minuta tiżdied is-sentenza "Is-Sinjura Borg qalet ukoll li ma kienx hemm koperazzjoni kif xieraq mil-Iskola hekk kif hi marret l-iskola flimkien mal-Kunsillier Joseph Azzopardi". Is-Sindku qal li kellem lill-Headmaster fuq dan is-suġġett.

59.3 Item Nru 59.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 SSTP – Is-Sur Valvo qal li minkejja li talab il-Minuti tal-aħħar laqgħa mingħand l-uffiċjali tal-SSTP dawn għadhom ma waslux. Il-Kunsill qabel li tintgħalab laqgħa oħra tal-Monitoring Committee u niġu infurmati bl-andament ta' dan l-impjant kif ukoll tat-tender tas-siġar.

59.3.2 Recreational centre – Is-Sur Valvo qal it-tender tal-*finishings* ġie evalwat mil-Bord u il-Bord irrakkomanda dan li ġej:

Lot No.1 Aluminium Works – Il-Bord ra li l-offerti eleġibbli kienu il-fuq minn l-ammont dak stmat għalhekk dan il-lot għandu jerġa jiġi kkunsidrat u terġa tinħareġ sejħa oħra.

Lot No. 2 Marble Sills – Il-Bord irrakkomanda li tintgħażel l-offerta ta' Linda Renda Tekne għaliex hija l-aktar waħda vantaġġuża.

Lot No. 3 Floor and Wall Tiling – Il-Bord irrakkomanda li tintgħażel l-offerta ta' Ideal Bathrooms Ltd għaliex hija l-aktar waħda vantaġġuża.

Lot No. 4 Fire Doors – Il-Bord irrakkomanda li tintgħażel l-offerta ta' Linda Renda Tekne għaliex hija l-aktar waħda vantaġġuża.

Lot No. 5 Plastering, Painting, Suspended Ceiling, and Ancillaries - – Il-Bord irrakkomanda li tintgħażel l-offerta ta' Linda Renda Tekne għaliex hija l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-Kunsill fuq Lot 1, 2, 3 u 4 qabel mar-rakkomnadazzjoni tal-Bord pero fuq lot 5 qabel li din ma tingħatax miħabba li ser issir bil-ħaddiema assenjati tal-Kunsill.

Rigward dan il-proġett ukoll is-Sindku qal li l-Perit bgħat l-ACAD aġġornat lil TM pero mhux il-BOQs li tant ilhom mistennija. Għalhekk il-Kunsill qabel li nistaqsu lil Perit għaliex dan id-dewmien.

Is-Sur Valvo ippropona li flok il-basket ball court ta' quddiem il-Multipurpose Hall isir Skart Park għaliex huwa iktar mitlub miż-żgħażagħ. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

59.3.3 *Jogging Track* - Is-Sur Valvo qal li il-Kunsill iltaqa' mas-Sur Konrad Busuttil minn Sports Malta u ftiehem li ser inkellmu mal-Perit sabiex joħroġ stima tal-*jogging track* u tintbgħat lil Sports Malta għal approvazzjoni u eventwalment issir.

59.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li dwar il-proposta tal-Gal Xlokk, il-Perit Robert Ellul applika mal-Awtorita tal-Ippjanar bil-proposta li għandna ta' tisbieħ u issa jmiss li jsiru l-BOQs biex ngħadduhom lil Gal Xlokk.

59.3.5 EU funds hitan tas-sejjiegh - Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill għamel kuntatt mal-Ministeru tal-Ambjen il-paying Agency li qed tieħu ħsieb dawn il-proġetti pero ġejna infurmati li peress li kien hemm ħafna applikazzjonijiet dawn tqassmu f' 5 gruppi u li s'issa għadhom kemm

evalwaw l-ewwel grupp ta' applikazzjonijiet. L-Applikazzjoni tagħna tinsab fil-ħames grupp u għalhekk ser tiġi evalwata għall-ħabta tas-Sajf.

59.3.6 Bring in Site – Is-Sur Valvo qal li dwar il-filmati li għandna ta' nies li qed jarmu abużivament il-Kunsill kellu risposta fin-negattiv mil-LESA fejn dawn qalulna li skond il-liġi ma jistawx jipproċedu b'ċitazzjonijiet jekk il-persuni ma jiġux notifikati fi żmien 48 siegħa.Għalhekk il-Kunsill qabel li inkellmu lil Onor. Deo Debattista sabiex nikkonfermaw dan u naraw kif din il-liġi tista tinbidel.

59.4. Item Nru. 59.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

59.4.1 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet kif bqajna fuq l-ATM. Is-Sindku qallha li diġa konna tlabna lil BOV pero ser nerġgħu niktbulhom.

59.4.2 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq il-Bus Shelter u l-Kunsill qabel li isir wieħed temporanju bil-Pipijiet tal-ħadid.

59.4.3 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq kif nistgħu niltaqgħu mal-għaqdiet kollha tax-Xgħajra u naraw xi programm għandhom għal din is-sena u kif nistgħu naħdmu flimkien.

59.4.4 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk nistgħu insejħu laqgħa mal-għaqdiet kollha tax-Xgħajra sabiex naraw għandhomx xi programm eżistenti ta' attivitajiet għal din is-sena u naraw li ma jaħbtux ma' tagħna.

59.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq il-banju jekk qabel dan is-sajf jistax issir stima minn perit u naraw x'għandu bżonn.

59.4.6 Is-Sur Joe Azzopardi staqsa jekk jistax jinbidel l-isem tal-isqaq Dungur għaliex fil-fehma tiegħu mhux korrett. Is-Sindku wieġbu fin-negattiv.

59.4.7 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet jekk quddiem numru 210 u 211 f' Dawret ix-Xatt jistawx isiru sinjali bojod flok sofor minħabba li dawn il-propjetajiet mhux jintużaw bħala garaxxijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru bojod u jiġu skont il-linji gwida tat-Traffic Managment ta' Transport Malta.

59.4.8 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet jekk tistax issir tabella biex ma jarmux żibel fi Triq Carmelo Penza kantuniera ma' Dawret ix-Xatt għaliex qed jarmu ħafna skart f'dak il-plot il-vojt. Is-Sindku qal li ser ikellem lil Peter Mamo mil-Lands Department sabiex naraw ta' min hu dan il-plot u jieħu ħsiebu.

59.4.9 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet jekk flok il-ħamrija, fejn hemm miżrugħin is-swaba tistax titneħħa u tiżdied il-parkeġġ. Is-Sindku qal li nistgħu niċċekkjaw dwara u naraw hux possibbli.

59.4.10 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet nistgħux inkellmu lil Malta Public Transport dwar il-possibilta li ir-rotta 94 u 120 ma jaslux fl-istess ħin imbgħad ikun hemm distakk twil ta' ħin minajr karozza. Is-Sindku wieġeb li dawn huma rotot differenti pero kien qiegħed kontinwament jikkuntatta kemm lil Transport Malta kif ukol l-awtorita tat Trasport Publiku fuq din l-ħaġa u dejjem intqal

li ħafna drabi l-karozzi tal-linja qiegħdin jeħlu fit-traffiku u b'hekk waħda qiegħda tlaħħaq ma' oħra.

59.4.11 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet jekk quddiem dar b'numru 179 f' Dawret ix-Xatt jistax jiġi parkeġġ għall-muturi minħabba li hemm spazju. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv sakemm hemm l-ispazju neċessarju.

59.5. Item Nru 59.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

59.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

59.6. Item Nru. 59.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

59.6.1 Il-Kunsill qabel li il-laqgħa annwali pubblika issir nhar il-Ħamis 19 t' April fis-6pm

59.7. Item Nru. 59.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

59.7.1 Pagamenti b'numru 68 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

59.8. Item Nru. 59.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

59.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

59.9 Item Nru. 57.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

59.9 Il-laqgħa ntemmet fit-7.33pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 16 t' April, 2018 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt